# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fit-Tieni Sena Kindergarten

F'Novembru 2021 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għas-sena skolastika 2022-2023. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għat-Tieni Sena Kindergarten.

## It-Tieni Sena Kindergarten Subien Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten subien mainstream huwa ta' sitta u disgħin (96) post.

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---:|
| *1a Tfal mid-djar tal-knisja* | 1 |
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 6 |
| *1b 1c Tfal tal-impjegati fl-istess skola u aħwa* | 1 |
| *1ċ Aħwa* | 19 |
| ***Total*** | **27** |

Għandna aktar applikazzjonijiet għal-kindergarten ta' St Francis Msida, milli għandna postijiet vakanti. Għalhekk xi postijiet vakanti li għandna fil-kindergartens ta' St Francis għal-bniet ser jiġu offruti lil dawn l-applikanti.

Irċevejna applikazzjoni tal-Aħwa għal skola li bħalissa ma għandhix post vakanti. Jekk jinħoloq post vakanti f' din l-iskola l-applikant jinkiteb fiha. Dan mhux inkluż fit-tabella t'hawn fuq.

## It-Tieni Sena Kindergarten Subien li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti n-numru ta' postijiet offruti għal subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 11-il post. Żewġ postijiet mill-kindergartens tas-St Francis inbiddlu għal mainstream sabiex jilqgħu lil applikanti tal-ewwel kriterju.

Irċevejna applikazzjoni tat-tfal tal-impjegati fl-istess skola u applikazzjoni tal-aħwa.

Ser jintlaqgħu applikazzjonijiet tas-subien: *mainstream*, bis-sapport, Każijiet Soċjali u tal-Ażil.

## It-Tieni Sena Kindergarten Bniet *Mainstream*

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten bniet mainstream huwa ta' tlett mija u wieħed u tletin (331) post.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 25906306 / 25906309
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 26 |
| *1ċ Aħwa* | 99 |
| *1ġ Tfal tal-impjegati fi skola oħra* | 8 |
| ***Total*** | **133** |

Applikanta talbet trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d. Din ma titnaqqasx mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li se tokkupa post fi skola se tħalli post vakanti fl-iskola fejn tattendi.

Żewġ postijiet fil-kindergartens ta' St Francis ser jiġu offruti lil aħwa subien ta' St Francis Msida li m'għandix postijiet biżżejjed għal-aħwa.

## It-Tieni Sena Kindergarten Bniet Każijiet Serji

Skont ir-Regolamenti n-numru ta' postijiet offruti għal bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 25 post. Kelna applikazzjoni ta' tifla ta' impjegata fl-istess skola u żewġ applikazzjonijiet tal-aħwa. Żewġ postijiet bis-sapport fil-kindergartens ta' St Francis qed jiġu offruti lil aħwa subien ta' St Francis Msida li m'għandix postijiet biżżejjed għal aħwa.

Ser jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-bniet : *mainstream*, bis-sapport, każijiet soċjali u tal-Ażil.

## Konklużjoni

Aktar informazzjoni tinsab fl-istqarrija għall-istampa u r-Regolamenti tad-Dħul li jinsabu fil-paġna tal-iskejjel tal-Knisja. Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, li qed nirreferu għalihom f'din iċ-ċirkulari, tiġi ppublikata fil-ġimgħat li ġejjin fil-paġna tal-iSkejjel tal-Knisja f'www.knisja.mt.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw fi snin oħra tad-dħul. Għalhekk jekk ikun hemm post vakanti dawn jingħataw preċedenza skont ir-Regolamenti (3.1). Jekk ħuthom ikunu applikaw f'livelli ogħla u nkitbu fi skola, iż-żgħar ikunu jistgħu jinkitbu fl-iskola ta' ħuthom. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **26 ta' Jannar 2022**

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 25906306 / 25906309
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**